**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/2022

**L-Erbgħa 26 ta' Mejju, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-6:10 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku *(online)*

Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)*

Charles Cesare – Kunsillier *(online)*

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

07.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li kulħadd kien preżenti.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/K8/2022.

07.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K8/2022 kif ippreżentati.

07.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1925/22/I** Email mingħand il-librara fejn infurmat lill-Kunsill Lokali li mid-9 ta' Mejju ser jibda jkollha sostitut li jiftaħ il-librerija meta ma tkunx tista' tiftaħ.

**46/2101/22/I** Email mingħand is-Sindku fejn informa l-Kunsill li fl-opinjoni tiegħu l-aktar ħaġa mportanti hi li l-librerija tibqa' toffri s-servizz u tibqa' miftuħa aktar milli magħluqa.

07.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1925/22/I u 46/2101/22/I** fejn sostna li s-sentiment huwa li l-librerija tibqa' miftuħa, fejn tenna li jidher li dan il-persuna qiegħed ikun fil-librerija fil-ħin tal-ftuħ sabiex jirċievi t-taħriġ, u għalhekk jekk id-dipartiment jaċċetta tali pożizzjoni sa ma jagħlaq il-kuntratt, allura l-Kunsill għandu jmexxi b'dak il-mod, jekk le, tinħareġ sejħa.

07.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrimarka li l-persuna jidher li diġa ingħata t-taħriġ, u dak li qed jiġi propost huwa li jkun preżenti waħdu biex jamministra l-librerija fin-nuqqas tal-librara, li fil-preżent qed ikun hemm diversi stanzi li ma tkunx preżenti.

07.3.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1966/22/I** Email mingħand Hudson Group fejn talbu jikkollaboraw mal-Kunsill biex jirranġaw il-basketball court u bagħtu l-idea tagħhom.

07.3.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1966/22/I** fejn irrimarka li fuq din diġa wieġeb permezz tal-email u tenna li jekk il-Grupp kummerċjali għandu bħala prijorità li jkollu l-emblema tal-kumpanija fin-nofs tal-court fejn illum hemm dik tal-Kunsill, dan m'għandux jiġi aċċettat, dan apparti l-fatt li jekk ser ikun hemm kollaborazzjoni ser ikun hemm materjal ta' reklamar fil-post.

07.3.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1968/22/I** Email mingħand l-Inġ. Karl David Agius fejn bagħat ir-rapporti tal-ispezzjonijiet li saru fil-playing fields.

07.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1968/22/I** fejn ippropona li dak li għandu bżonn li jiġi ndirizzat fi Ġnien l-4 ta' Lulju għandu jkun ta' prijorità, filwaqt li x-xogħol fil-Ġnien Madre Tereza ta' Kalkutta miexi sew.

07.3.9 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2035/22/I** Email mingħand resident fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar l-attivita' tal-Halloween 2022.

07.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2035/22/I** fejn tenna li fil-jiem li għaddew huwa tkellem ma' numru ta' residenti sabiex wieħed jara min hu nteressat u min ser ikun qiegħed jikkoordina x-xogħol relatat mal-istess attività. Il-kelliem żied li fil-jiem li ġejjien ser issir laqgħa bejn l-istess residenti fil-preżenza tiegħu bħala Sindku sabiex jiġi determinat il-pass li jmiss.

07.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa x'ser ikun rwol tal-Kunsill u x'sostenn ser joffri l-Kunsill biex issir din l-attivita'.

07.3.13 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li rwol tal-Kunsill ser ikun ta' permessi, organizazzjoni, pulizija, mobile toilets ect.

**46/2065/22/I** Email mingħand ABB Legal fejn b'referenza għal Tender 2021/02 Repairs and Reconstruction of Roads, fl-opinjoni tagħhom peress li l-kuntrattur magħżul ma issottomettix id-dokumenti mitluba l-Kunsill jista' jmexxi għat-tieni offerta, dejjem jekk m'hemm ebda oġġezzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

07.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2065/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill imexxi, suġġett li jkun hemm l-approvazzjoni minnaħa tad-DOC.

07.3.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2079/22/I** Email mingħand persuna li għamel ħsara fil-vettura fejn informa l-Kunsill li qed jaċċetta d-deċizjoni tal-Kunsill dik li jħallas 75% tal-ħsara li soffra u bagħat il-kont bankarju sabiex isir il-ħlas.

07.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2079/22/I** fejn irrimarka li l-ħlas għandu jsir wara li s-sinjur jipprovdi lill-Kunsill, kopja tar-rapport tal-Ombudsman li qed jirreferi għalih huwa stess, u dan peress li l-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat biex sar dan ir-rapport.

07.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2091/22/I** Email mingħand resident fejn informa l-Kunsill li għalkemm il-ħajt tal-passaġġ li minn Triq Alamein tmur għal P&R ġie rranġat xorta huwa perikoluż u la tagħmel l-ewwel xita ser jerġa' jiġri l-istess.

07.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2091/22/I** informa lill-Kunsill li huwa żar il-post, u jirriżulta li l-ħajt huwa ferm aħjar milli kien, u għalhekk l-ilment huwa magħluq.

**46/2095/22/I** Email mingħand Med Developers fejn bagħtu l-pjanta bl-entratura l-ġdida tal-Ġnien.

07.3.21 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2095/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan it-tibdil propost.

07.3.22 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2117/22/I** Email mingħand il-CM fejn b'referenza għall-ilmenti li bagħat il-Kunsill fi Triq Pietro Rossell informa l-Kunsill li peress li l-kuntrattur ma mexiex skond l-iskeda għandha tinħareġ default notice.

07.3.24 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2117/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jibgħat ittra formali dwar għala l-Kunsill iddeċieda li jmur kontra dak propost mill-CM, inkluż li l-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li tintbagħat default notice lill-CM stess dwar l-istess aċċident apparti l-fatt ukoll li l-istess CM huwa konxju u qed jippersisti li ma jiffirmax l-attendenza kulljum kif jispeċifika l-kuntratt li għandu ffirmat mal-Kunsill. Għalhekk il-kelliem ippropona wkoll li n-nuqqas ta' firma tal-attendenza, waħdu biss ser jitqies bħala ksur tal-kuntratt kif diġa ġie rrimarkat lilu.

07.3.25 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda u żied li l-CM għandu kull 3 xhur, qabel laqgħa tal-Kunsill, jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu.

07.3.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2226/22/I** Email mingħand Inġ. fl-RO fejn informa l-Kunsill li qasam tyre fit-triq tal-RO minħabba l-ħofor li fiha u talab update fuq it-tender ta' IM.

07.3.27 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2226/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jillapazza u jindirizza b'mod temporanju din il-problema billi jimla bil-konkos fejn hemm bżonn. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill huwa nformat li din it-Triq ser issir mill-Aġenzija Infrastruttura Malta, għalkemm jeħtieġ li tiġi ndirizzata fil-frattemp.

07.3.28 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2243/22/I** Email mingħand BCRS Malta Ltd. fejn informaw lill-Kunsill bil-magni ta' riċiklar tal-fliexken li qed joffru u qed jistaqsu l-Kunsill hux interessat li jinstalla magna.

07.3.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2243/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinforma lill-kumpanija li f'dan l-istadju l-Kunsill huwa nteressat u li f'każ li l-pjanijiet jimxu 'l quddiem ikun jeħtieġ l'issir laqgħa sabiex wieħed jiddiskuti d-dettalji.

07.3.31 Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fejn irrakkomanda li l-Kunsill għandu jressaq il-quddiem il-kunċett tat-tindif tas-siti fejn ser jitpoġġew dawn il-magni, x'possibilità li jkun hemm xi kumpens finanzjarju, u inċentivi oħra għall-lokal. Is-Sindku Dean Hili ippropona li jekk ikun hemm l-opportunita' l-Kunsill għandu jesplora li jressaq il-quddiem dawn l-ideat.

07.3.32 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2267/22/I** Kwotazzjoni mingħand ISB Technolgies għall-provvista u l-installazzjoni ta' IT cabinet biex tiġi nstallata f'kamra fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, liema kaxxa ser jitpoġġa l-apparat kollu tal-IT, kemm tal-proġett WiFi4EU kif ukoll tac-CCTV.

07.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2267/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-istima provduta għall-provvista u l-installazzjoni ta' IT cabinet.

07.3.35 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2001/22/I** Komunikat mingħand Active Ageing and Community Care dwar il-proposta li jiftħu Ċentru għal Anzjanità' Attiva f'Pembroke biex joffru aktar opportunitajiet lill-anzjani ta' tagħlim informali, opportunita' li jissoċjalizzaw u jieħdu gost flimkien, flimkien ma' anzjani tal-lokalitajiet tal-madwar, fejn l-AAKK tkun risponsabbli mill-programm ta' attivitajiet filwaqt li l-Kunsill Lokali ikun qed jipprovdi s-sala fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu l-anzjani u jieħu ħsieb it-tindif ta' l-istess sala.

07.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2001/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan il-kunċett.

07.3.38 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2294/22/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant jikkonsulta lill-Kunsill dwar l-għażla tar-ritratt li ser jiġi ppublikat fuq il-*leaflet* ta' Bolol Reġjonali.

07.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2294/22/I** fejn ippropona li jintgħażel ir-ritratt referenza 5M7A8388.

07.3.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2320/22/I** Email mingħand l-Awdituri dwar ittra ta' rappreżentanza.

07.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2320/22/I** fejn ippropona li din l-ittra tiġi approvata.

07.3.44 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2353/22/I** Email mingħand l-MP Mark Anthony Sammut jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill bħala membru elett fuq l-10 distrett elettorali.

07.3.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **462353//22/I** fejn ippropona li din il-laqgħa għandha tiġi skedata f'ġurnata li tkun taqbel għaż-żewġ naħat.

07.3.47 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2354/22/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant dwar l-inizjattiva 'Pocket Park', fejn spazzju żgħir jista' jiġi ttrasformat f'park żgħir bl-għan li jsebbaħ iż-żona u jservi ta' benefiċċju għar-residenti bħala post ta' kalma u trankwillità.

07.3.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2354/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jissuġġerixxi ż-żona ta' San Patrizju fejn hemm il-ġnien, li wara kollox il-Kunsill diġa kellu l-istess skop għaliha.

07.3.50 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2389/22/I** Email mingħand Reġjun Lvant jinformaw lill-Kunsill b'Seminar li ser isir l-Erbgħa 15 ta' Ġunju fl-10:00am, f'Ġnien l-Indipendenza, Tas-Sliema dwar s-Soċjetà tal-Annimali u talbu jiġu mistiedna ukoll il-cat feeders.

07.3.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2389/22/I** fejn ippropona li li l-Kunsill jestendi din l-istedina.

07.3.53 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

07.3.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2413/22/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill jirrakkomanda li jsir survey tal-ġiebja li hemm fi Ġnien ta' Kalkutta inkluż li titbattal u titnaddaf, ħalli jkun f'pożizzjoni aħjar jiddeċiedi dwar jekk titneħħiex passaġġ, li l-Kunsill iħoss li m'għandux użu u minflok isiru aktar siġar.

07.3.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2314/22/I** fejn ippropona li għalkemm għandu r-riservi tiegħu, il-Kunsill għandu japprova din it-talba.

07.3.56 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.3.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.3.58 Is-Sindku Dean Hili għamel rimarka għall-parkeġġ informali li hemm ħdejn il-bajja ta' Pembroke u bħalissa qed jiddiskuti mal-ERA u Nature Trust (Malta) dwar x'tip t'intervent jista' isir biex isir upgrade diċenti u aċċettabli għall-awtoritajiet ambjentali.

07.3.59 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022 saret laqgħa dwar l-infurzar fiż-żona Natura2000 fejn għall-Kunsill kienu preżenti hu u s-Sindku Dean Hili, għall-Community Police l-Ispettur Gabby Gatt u s-Surġent Denise Vella, għall-Trasport Malta is-sur Patrick Pollacco, għal-LESA is-sur Joseph Naudi, għal-Nature Trust (Malta)

Tamsin Caruana u għall-EPU l-Ispettur Elliot Magro. Fil-laqgħa, fuq suġġeriment tas-sur Naudi, kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-LESA dwar il-possibilità li jiġu installata CCTV fil-parkeġġ li hemm biswit Pembroke Athleta biex jiġi ikkontrollat il-parkeġġ. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex iż-żona issir timed parking ħalli jiġi evitat li tiġi ikkaparrata minn individwi għal tul ta' żmien kif qed jiġri bħalissa.

07.3.60 Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex iż-żona tiġi timed parking (12 hours no return with 12 hours) u tibda diskussjoni mal-LESA dwar l-immaniġjar tal-istess CCTV.

07.3.61 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.62 Il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Raymond Lanzon, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare ivvutaw favur filwaqt li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ivvota kontra.

07.3.63 Il-mozzjoni għaddiet.

07.3.64 Is-Sindku Dean Hili ta rendikont tal-laqgħa li saret mal-Ministeru tat-Turiżmu, l-MTA u l-Pembroke Athleta FC dwar l-art li hemm dibattitu fuqha dwar min huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tagħha kif ukoll dwar proġetti li hemm għajdut li qed jiġu proġettata fl-akwata u li fl-opinjoni tiegħu hija spekulazzjoni u mhux kummerċjalizzazzjoni. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill iżomm mal-pożizzjoni li dak li hemm pubbliku u jitgawda minnu bħalissa għandu jibqa' pubbliku, dan fid-dawl li l-aċċess liberu għalih, il-pubbliku diġa ħallas prezz għalih.

07.3.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.3.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.3.67 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jipprovdi trasport għar-residenti biex iżuru l-attivitajiet tal-Imnarja li ser jinżammu fil-ġonna tal-Buskett nhar it-28 ta' Ġunju 2022 filgħaxija bejn 20:00 u 24:00.

07.3.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.3.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.3.70 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għall-korrispondenza **46/2349/22/I** fejn informa lis-Sindku Dean Hili li kif jaf kien hemm kommunikat mir-Reġjun Lvant li qed jippruvaw jikkommunikaw ma' Kunsillier/a responsabbli minn dekasteri partikulari u mhux qed kun hemm rispons, apparti ukoll li jidher li hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni kemm fil-laqgħat kif ukoll fl-inizjattivi li qed jiddiskuti u/jew qed jieħu jew jipprova jieħu l-istess Reġjun.

07.3.71 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kif kien baqa' fuq it-talba verbali li kienet qed tagħmel kumpanija tat-trasport b'konnessjoni ma' coaches li qed jingħad li ġew ordnata minn Pembroke Athleta FC, u li dwar qed jiġi ukoll allegat li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien qabel li dawn jitħallsu mill-Kunsill.

07.3.72 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li kellu t-talba mingħand Athleta FC fejn talbuh li l-Kunsill jipprovdi trasport għall-aħħar logħob tal-klabb, u huwa infurmhom li biex tiġi kkunsidrata tali talba, trid issir talba formali u jinġabru l-istimi neċessarji. Il-kelliem irrimarka li minn dan ma sar xejn u

eventwalment huwa tkellem mal-operatur u mal-klabb, li ladarba ma kienx hemm talba, ħlas mill-Kunsill qatt ma jista' isir.

07.3.73 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal Trejqet Antonio Mallia fejn kellu talba mingħand residenti biex isiru tabelli biex ma jkunx hemm disturb għar-residenti. Fidd-awl ta' dan il-kelliem ippropona li jsiru tabelli kif diġa saru fil-passat f'żoni oħra.

07.3.74 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.3.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

07.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 07.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

07.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 10/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 05/K8/22 u 07/K8/22 **(Dok. 1)**

07.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 10/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

07.5.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.6 Aġġudikar ta' tenders – PLC/01/2022 and PLC/04/2022.

07.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għar-rapport tal-Bord tal-aġġudikar tal-offerti fejn ippropona li l-Kunsill japprova li tenders **PLC/01/2022 u PLC/04/2022 jingħataw kif propost.**

07.6.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

07.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.7 Jum Pembroke 2022.

07.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona lill-Kunsill li minħabba restrizzjoniijiet biż-żmien mhux ser ikun possibli li din is-sena jiġi organizzat Jum il-Lokal.

07.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

07.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4 u 5)**

07.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

07.8.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.9 Mozzjonijiet.

07.09.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 07.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.10.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fid-20:45pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal-Ħamis 23 ta' Ġunju 2022 fis-2:00pm.

**Konfermati, illum 23 ta' Ġunju, 2022**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok1

**Internal Memo Referenza 10/2022** **26 ta' Mejju 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 05/K8/22 u 07/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 47 | 2022 | Mica Med | Tirranġata lampa W123 li tinsab fi Triq San Patrizju |
| 48 | 2022 | Med. Dev. Des. & Cons. Ltd. | Tissupplixxi lill-Kunsill rapport tekniku dwar l-offerti li rċieva l-Kunsill għall-play equipment fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta |
| 51 | 2022 | Mica Med | Tirranġata lampa L100 li tinsab fi Triq A.N.Z.AC. |
| 52 | 2022 | Mica Med | Tirranġata lampa W113 li tinsab fi Triq Sir Luigi Prezosi |
| 54 | 2022 | Mica Med | Tirranġata lampa W075 li tinsab fi Triq Napuljun Tagliaferro |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg